**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Illum, it-Tnejn, 20 ta' Diċembru, 2021**

**Rikors Nru: 1168/2021**

***FL-ATTI TAL-ITTRA UFFIĊJALI NRU. 4650/2021, DATATA D-29 TA' OTTUBRU, 2021 FL-ISMIJIET:***

***PRINCESS HOLDING LIMITED***

***VS.***

***WESLEY KOCK***

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa digriet finali dwar talba ta' Wesley Kock biex tiġi sospiża l-esekuzzjoni ta' sitta u tletin (36) kambjala maħruġa fis-26 ta' Ottubru, 2018 skont l-**artikolu 253(e) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

***Daħla***

2. B'rikors imressaq fid-**29 ta' Novembru, 2021**, Wesley Kock fisser li huwa rċieva ittra uffiċjali fid-29 ta' Ottubru, 2021, li permezz tagħha l-kumpannija Princess Holding Limited talbitu sabiex huwa jħallasha l-import ta' 36 kambjala, fl-ammont ta' €16,200;

3. Wesley Kock qiegħed jopponi għall-esekuzzjoni tal-kambjali għaliex jgħid li jekk isir il-ħlas lill-kumpannija Princess Holding Limited, din tiġi li tkun qiegħda tistagħna b'mod li mhuwiex xieraq. Huwa jisħaq li dawn il-kambjali tnisslu minn ftehim ta' xiri bin-nifs jew ftehim bil-patt tar-riżerva tad-dominju (*hire purchase agreement*) magħmul fis-26 ta' Ottubru, 2018, li sar bejnu u bejn il-kumpannija No Deposit Cars Limited dwar l-akkwist ta' vettura. Kock jisħaq li l-vettura li ġiet mibjugħa lilu kienet mifnija bid-difetti, li baqgħu ma ssewwewx minkejja l-wegħdiet ta' tiswija ta' No Deposit Cars Limited. Iżid jgħid li huwa waqaf iħallas sakemm No Deposit Cars Limited troddlu lura l-vettura mingħajr difetti;

4. Kock jgħid li No Deposit Cars Limited dawwret il-kambjali fuq Princess Holdings Limited b'rieda ħażina għaliex dawn iż-żewġ kumpanniji għandhom l-istess azzjonist, l-istess direttur u joperaw mill-istess uffiċċju reġistrat. Skont Kock, il-kambjali daru b'ried ħażina sabiex l-istess sid taż-żewġ kumpanniji jkun jista' jikseb ħlas fuq vettura li mhux talli reġgħet ġiet lura fil-pussess tiegħu iżda li saħanistra biegħha lil ħaddieħor;

5. Fil-fehma ta' Kock, dawn ir-raġunijiet huma gravi u validi biżżejjed sabiex huwa jopponi għall-esekuzzjoni tal-kambjali;

6. Minbarra dan, huwa jgħid ukoll li No Deposit Cars Malta Limited ġa fetħet proċeduri separati biex tipprova tagħmel esekuttiv uħud mill-istess kambjali. Jgħid ukoll, li wħud mill-kambjali ma jiswewx għaliex ma ġewx iffirmati minn min ġibidhom;

7. Għaldaqstant fuq is-saħħa ta' dawn ir-raġunijiet, Wesley Kock talab lil din il-qorti sabiex:

> «*(1) tordna s-sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni tal-kambjali mertu ta' l-ittra uffiċjali de quo, u dan minħabba raġunijiet gravi u validi sufficjenti għall-opposizzjoni ta' l-imsemmija kambjali; u (2) tiċħad it-talbiet tas-*

*soċjetà eżekutanti u dan taħt kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.»*

8. Il-kumpannija konvenut wieġbet fl-**<u>14 ta' Diċembru, 2021</u>** u hemmhekk hija tat ir-raġunijiet tagħha għaliex it-talbiet imsemmija fir-rikors m'għandhomx jintlaqgħu;

***Fatti***

9. Fid-29 ta' Ottubru, 2021, Princess Holdings Limited ippreżentat ittra uffiċjali bin-numru 4650/2021 kontra Wesley Kock sabiex hija tkun tista' tissokta bl-esekuzzjoni ta' 36 kambjala, fl-ammont sħiħ ta' €16,200. Kull waħda minn dawn is-36 kambjala kellha valur ta' €450;

10. Mill-kambjali li ġew imwaħħda mal-ittra uffiċjali jirriżulta li dawn inħarġu kollha fis-26 ta' Ottubru, 2018 u fihom ġie ordnat biex isir ħlas lil No Deposit Cars Malta Limited. Aktar tard, No Deposit Cars Malta Limited dawwret kull waħda minn dawn is-36 kambjala favur il-kumpannija Princess Holdings Limited;

11. L-ittra uffiċjali mibgħuta minn Princess Holdings Limited ġiet notifikata lil Wesley Kock fid-9 ta' Novembru, 2021;

12. Fid-29 ta' Novembru, 2021, Wesley Kock ressaq rikors skont l-**artikolu 253(e) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, fejn talab lil din il-qorti biex tordna s-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-kambjali minħabba li skontu jeżistu raġunijiet biżżejjed serji u validi biex dawn ma jitħallewx jiġu esegwiti;

***Konsiderazzjonijiet***

13. B'din il-proċedura, Wesley Kock qiegħed jitlob lil din il-qorti sabiex hija tordna s-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-36 kambjala maħruġa oriġinarjament fis-26 ta'

Ottubru, 2018 favur No Deposit Cars Malta Limited u li mbagħad ġew imdawwra favur Princess Holdings Limited;

14. Fil-liġi tagħna ma nsibux tifsira ta' kambjala, madankollu huwa magħruf li l-kambjala hija strument ta' kreditu, li bis-saħħa tiegħu persuna tiġi mġiegħla tħallas somma ta' flus lill-ħaddieħor;

15. Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***John Giordmaina v. Joseph Pace et*** deċiża fis-7 ta' Lulju, 2006 fissret il-kambjala bħala,

> «*obbligazzjoni ta' persuna imsejħa t-traent, jew emittent, li ġġiegħel lil xi ħadd ieħor li jħallas, jew tħallas hi stess, lil xi ħadd ieħor imsejjaħ il-prenditur (payee), jew lill-possessur ta' l-istess kambjala, somma determinata fid-data ta' l-iskadenza.*»

16. F'kuntest ta' kambjala jidhru dejjem tliet figuri jew karattri. L-ewwel figura hija dik dak tat-**traent**, li huwa l-bniedem li fil-kambjala jordna li jrid isir il-ħlas. It-tieni figura hija dik tat-**trattarju jew aċċettant**, li huwa l-bniedem li t-traent jindika bħala l-persuna li trid tħallas is-somma indikata fil-kambjala. Filwaqt li t-tielet figura hija dik tal-**prenditur**, li huwa l-bniedem li jrid jirċievi l-ħlas;

17. Il-kambjala mhux minn dejjem kienet meqjusa fil-liġi tagħna bħala titlu esekuttiv, *viz*. titlu li dwaru jistgħu jinħarġu mandati esekuttivi mill-ewwel mingħajr il-ħtieġa li dak li jkun joqgħod jiftaħ kawża u jitlob lill-qorti tikkonferma l-kreditu indikat fil-kambjala. Kien biss bid-dħul fis-seħħ tal-**Att IX tal-2004**, li l-kambjala kisbet il-qawwa ta' titlu esekuttiv u b'hekk din tniżżlet fost it-titli esekuttivi msemmija fl-**artikolu 253 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** (ara *inter alia* ***Nello Micallef v. Pater Finance Co. Ltd*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Jannar, 2006);

18. Skont l-**artikolu 253(e) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** biex kambjala maħruġa skont il-**Kodiċi tal-Kummerċ** titqies bħala titlu esekuttiv, hemm bżonn li l-ewwel tintbagħat ittra uffiċjali lid-debitur minħabba li dan ma jkunx għadu wettaq il-ħlas

sad-data indikata fil-kambjala. Il-liġi trid ukoll taħt piena ta' nullità, li f'din l-ittra uffiċjali jitniżżel avviż li bih min jitlob li jsir il-ħlas jgħarraf lid-debitur bil-jedd tiegħu li jopponi għal dik it-talba għall-ħlas, fi żmien għoxrin jum min-notifika lilu tal-istess ittra u dan billi jressaq rikors li biha jopponi għall-esekuzzjoni tal-kambjala (ara ***Gaffarena Holdings Limited v. Seaborg Co. Ltd*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' Frar, 2008);

19. F'dan il-każ Wesley Kock, qiegħed sewwasew jinqeda b'dan ir-rimedju mogħti lilu bil-liġi sabiex jopponi għall-esekuzzjoni tal-kambjali;

20. Iż-żewġ raġunijiet tassattivi msemmija fl-**artikolu 253(e) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** biex debitur jista' jopponi l-esekuzzjoni tal-kambjala huma: (i) jekk il-firma fuq il-kambjala ma tkunx ta' min ikun qiegħed jopponi għall-esekuzzjoni tagħha jew tar-rappreżentant tiegħu; jew (ii) jekk ikunu jeżistu raġunijiet oħra gravi u validi sabiex issir oppożizzjoni għal dik l-esekuzzjoni;

21. Illi fil-każ tagħna, Wesley Kock qiegħed jgħid li jeżistu raġunijiet gravi u validi biex jopponi għall-esekuzzjoni tal-kambjali;

22. Jissokta jingħad, li l-liġi ma tipprovdix tifsira ta' x'inhuma dawn ir-raġunijiet gravi u validi li jagħtu lok għas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-kambjali. Jidher li dan sar bi skop, biex tħalli fid-diskrezzjoni tal-qrati li jaraw huma fil-każ partikolari li jitressaq quddiemhom u f'eżerċizzju mad-daqqa t'għajn, x'tista' tkun ir-raġuni tajba u gravi li twassalhom jordnaw it-twaqqif tal-esekuzzjoni tal-kambjala jew *promissory note* (ara ***John Saliba v. Joseph Cachia et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Frar, 2019 u ***Henry Depasquale v. Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Diċembru, 2008);

23. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni ***Windsor Company Limited v. Sovereign Hotels Limited*** mogħtija fis-27 ta' Jannar, 2021, il-proċedura

kkontemplata fl-**artikolu 253(e) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** hija waħda speċjali fejn il-qorti hija mitluba biss li tivverifika fuq bażi ta' *prima facie* jekk hemmx waħda minn dawn iż-żewġ ċirkostanzi partikolari msemmija fil-liġi biex l-esekuzzjoni tal-kambjala tiġi sospiża. Fl-istess sentenza ngħad li:

> *«Il-verifika għandha ssir mingħajr ma jsir stħarrig dwar il-mertu tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet jew xi kwistjoni li tolqot is-siwi tal-kambjala nnifisha jew tal-obbligazzjonijiet reċiproċi bejn il-partijiet u dan għaliex l-istħarriġ tal-mertu jmissu jsir fil-kawża li jkollha titressaq mill-kreditur f'każ li l-qorti tilqa' t-talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala. Wara kollox, il-kambjala nnifisha hija prova tad-dejn li jkun inħoloq u l-emenda li saret bid-dhul fis-sehh tal-Att IX tal-2004 li bih il-kambjala saret titolu eżekuttiv, kienet intiża sabiex tevita azzjonijiet inutili fejn l-eċċezzjonijiet tal-konvenut huma fi kwalsiasi każ ferm limitati.»*

24. Tant kemm xogħol il-qorti f'din il-proċedura mhuwiex li toqgħod tistħarreġ il-mertu ta' xi kwistjoni li tolqot is-siwi tal-kambjala nnifisha, joħroġ mill-fatt li l-liġi trid li deċiżjoni marbuta mas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-kambjala ma titteħidx b'sentenza iżda tingħata b'digriet;

25. Hekk ukoll, il-liġi ma titlobx li l-qorti għandha żżomm smigħ biex tisma' l-provi u s-sottomissjonijiet tal-partijiet qabel tgħaddi biex tiddeċiedi jekk hija għandhiex tissospendi l-esekuzzjoni tal-kambjala jew le. Fil-fatt, il-Qorti tal-Appell, fid-deċiżjoni tagħha ***Dr Ivan Gatt nomine v. Antoine Bartolo*** mogħtija fit-12 ta' Lulju, 2019, tenniet li digriet mogħti fi proċedura taħt l-**artikolu 253(e) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** ma jistax jitqies null għaliex ingħata bla ma kien hemm smigħ orali. Dan hu hekk għaliex il-liġi ma titlobx li għandha tinżamm seduta biex jingħata digriet taħt l-**artikolu 253(e) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

26. Issa l-<u>**ewwel raġuni**</u> miġjuba 'l quddiem minn Wesley Kock għaliex għandu jkun hemm is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-kambjali hija minħabba li l-kambjali huma mnissla minn xiri bin-nifs ta' vettura li rriżulta li kien fiha xi difetti. Huwa jisħaq li din il-vettura li huwa xtara bin-nifs mingħand No Deposit Cars Limited

baqgħet ma ġietx imsewwija. Mhux hekk biss, iżda huwa jixli lil No Deposit Cars Limited li mhux talli ma neħħietx id-difetti, talli anke biegħet din il-vettura lil terzi. Għalhekk Kock jgħid li mhux sew li huwa jintalab li jħallas il-valur kollu ta' vettura li mhux biss kien fiha d-difetti, iżda li lanqas ma hija fil-pussess tiegħu;

27. Illi l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet ***Michael Attard Ltd v. Turista Ltd*** deċiża fit-22 ta' Novembru, 2012, osservat illi r-raġunijiet gravi u validi li jiġġustifikaw is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-kambjali ma jistgħux ikunu usa' mir-raġunijiet ikkontemplati mil-liġi kummerċjali biex iżommu milli l-kambjala titħallas;

28. F'dan ir-rigward l-**artikolu 198 tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta (il-Kodiċi tal-Kummerċ)** jgħid li eċċezzjonijiet li huma personali għall-pussessur tal-kambjala ma jistgħux idewmu l-ħlas tagħha, jekk ma jkunux likwidi u ma jkunux jistgħu jinqatgħu malajr fil-kawża li tkun miexja. L-istess artikolu jkompli jgħid li jekk dawn l-eċċezzjonijiet ikunu jinħtieġu eżami fit-tul, is-smigħ tagħhom isir f'kawża għaliha, u, sadanittant, il-kundanna għall-ħlas tal-kambjala, bil-garanzija jew mingħajrha, skont ma jidhrilha l-qorti, m'għandhiex tkun imdewma;

29. Fil-fehma tal-qorti, il-kwistjoni kollha mqanqla minn Kock dwar il-fatt li l-vettura mixtrija minnu kien fiha d-difetti u li No Deposit Cars Malta Ltd għalhekk ma qagħditx mal-obbligi tagħha mwielda mill-kuntratt ta' bejgħ, mhijiex xi ħaġa li tista' tiġi deċiża malajr mingħajr eżami fil-fond tal-kwistjoni. Ara f'dan is-sens id-deċiżjoni ***Nello Micallef v. Pater Finance Co. Ltd*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Jannar, 2006. F'din id-deċiżjoni l-qorti kienet ċaħdet talba għas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-kambjala, f'każ li jixbaħ ħafna għal dak tal-lum, id-debitur kien qiegħed jallega li huwa m'għandux iħallas l-import tal-kambjali għaliex kien qiegħed jallega li l-vettura minnu mixtrija kienet milquta minn difett moħbi u li minkejja d-diversi wegħdiet ta' tiswijiet li saru, din il-vettura baqgħet kif inhi;

30. Huwa naturali għalhekk li jekk azzjoni kambjarja ma tistax titwaqqa' minħabba eċċezzjoni ta' difett fil-vettura mibjugħa bl-import tal-kambjali, għaliex eċċezzjoni bħal din titlob ċertu studju tekniku u tħabbil tal-moħħ, allura jkun ħela ta' ħin u ta' spejjeż li din il-qorti tordna s-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-kambjali sakemm tinfetaħ u tiġi deċiża l-azzjoni kambjarja;

31. Terġa' u tgħid, motiv ikbar għaliex din ir-raġuni msemmija minn Kock ma tistax tintlaqa' biex twaqqaf l-esekuzzjoni tal-kambjali tinsab fl-**artikolu 197 tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta**. Dan l-artikolu jgħid li l-eċċezzjonijiet li huma personali għall-ġiranti ma jistgħux jingħataw kontra l-pussessur ta' kambjala. Il-ġirant huwa dak li jgħaddi l-kreditu tiegħu f'kambjala favur ħaddieħor;

32. Illi f'dan il-każ, kif għedna aktar kmieni, No Deposit Cars Limited dawwret jew ġirat il-kambjali kollha favur Princess Holdings Limited. Ifisser dan, li skont l-**artikolu 197 tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta**, Wesley Kock ma jistax jagħti eċċezzjonijiet personali li huwa għandu kontra No Deposit Cars Limited bħala l-ġirant, biex jopponi għall-kambjali li jinsabu llum fil-pussess ta' Princess Holdings Limited;

33. Kif ingħad fis-sentenza ***John Giordmaina et v. Joseph Pace*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Jannar, 2003,

> *«jekk kambjala tkun ġirata mill-ewwel benefiċjarju (payee) li hekk isir ġiranti, favur terz pussessur, u dan it-terz pussessur jiftaħ azzjoni kambjarja kontra t-traent, it-traent konvenut ma jistax jagħti kontra l-pussessur-attur eċċezzjonijiet li huma personali għall-ġiranti. Ir-raġuni hi ovvja: bejn it-traent u l-pussessur ma hemmx relazzjoni kuntrattwali, iżda biss relazzjoni kambjarja.»*

34. Fi kliem ieħor, jekk Wesley Kock għandu xi tilwima ma' No Deposit Cars Limited dwar il-ftehim tax-xiri bin-nifs tal-vettura li huwa ntrabat li jħallas bil-kambjali, allura tali tilwima għandu jressqaha kontra No Deposit Cars Limited u mhux

kontra Princess Holdings Limited, li f’dan it-tilwim dwar ma tidħol xejn peress li ma kinitx hi li biegħet il-vettura lil Kock;

35. Kock iżda jgħid fir-rikors tiegħu li din il-ġirata saret b’rieda u b’fidi ħażina għaliex No Deposit Cars Limited u Princess Holdings Limited huma relatati ma’ xulxin għax għandhom l-istess azzjonist, l-istess direttur u l-istess uffiċċju reġistrat;

36. Bla ma tidħol biex tqis is-siwi ta’ din l-allegazzjoni, il-qorti tgħid li din l-allegazzjoni xorta waħda ma tistax twassal biex twaqqaf l-esekuzzjoni tal-kambjali. Jgħodd hawnhekk dak li ġie msemmi mill-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni ***Pater Finance Co. Limited v. Dr. Kevin Schembri et*** deċiża fit-28 ta’ Settembru, 2012, fejn ingħad hekk:

> *qed jiġi sottomess illi ma għandux jiġi meqjus li l-kambjala ġiet effettivament ġirata, peress li s-suppost ġira saret favur kumpanija “tal-istess azzjonisti, tal-istess diretturi u fl-istess grupp tal-kumpanija illi għamlet il-bejgħ”, is-soċjetà UCIM Co. Ltd. Dan jista’ jkun veru, però, f’dan l-istadju, iż-żewġ kumpaniji għandhom personalità ġuridika separata u distinta waħda minn oħra, u l-fatt li r-rikorrenti għandhom pretensjoni kontra kumpanija waħda “fi ġrupp”, ma jwassalx għall-fatt li kumpanija oħra fl-istess ġrupp tkun obbligata tersaq għal xi forma ta’ tpaċija.*
>
> *...*
>
> *Kambjala, darba ġirata, tassumi karattru indipendenti mill-obbligazzjoni li setgħet wasslet għall-ħruġ tagħħa, u t-terz possessur għandu dritt jaġixxi fuq dak li jidher ‘on the face’ tal-kambjala.*

37. Din il-qorti taqbel ukoll ma’ din il-fehma espressa f’din id-deċiżjoni. Ir-rimedju li għandu Kock mhuwiex li jitlob is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-kambjali iżda li jfittex lil No Deposit Cars Malta Limited; jekk din tassew naqset b’xi mod milli tonora l-obbligi li hija ntrabtet bihom;

38. Jiġi b'hekk, li l-ewwel raġuni mressqa minn Kock biex ikun hemm sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-kambjali qiegħda tiġi miċħuda;

39. It-**<u>tieni raġuni</u>** indikata minn Kock għas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-kambjali hija li No Deposit Cars Malta Limited ġa fetħet proċeduri oħra għall-esekuzzjoni ta' wħud mill-istess kambjali;

40. L-azzjoni tal-lum però tolqot l-esekuzzjoni tal-kambjali mitluba minn Princess Holdings Limited u mhux minn No Deposit Cars Limited. Bil-ħniena għandu għalfejn jingħad, jekk No Deposit Cars Limited ma tistax aktar titlob l-esekuzzjoni tal-kambjali minħabba li hija ttrasferiet il-proprjetà tal-kambjali permezz tal-ġira favur Princess Holdings Limited (ara **artikolu 136 tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta**), din hi ħaġa li għandha titqajjem fil-proċeduri mibdija minn No Deposit Cars Limited. Żgur però, il-proċeduri mibdija minn No Deposit Cars Limited ma jippreġudikax dawn il-proċeduri mibdija minn Princess Holdings Limited, li bħala l-pussessur il-ġdid tal-kambjali, għandu l-jedd skont l-**artikolu 145 tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta** li jaġixxi kontra Wesley Kock għall-ħlas;

41. Għalhekk anke din ir-raġuni ma tistax titqies bħala waħda fejjieda;

42. It-**<u>tielet u l-aħħar raġuni</u>** msemmija minn Kock għaliex għandu jkun hemm sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-kambjali hija għaliex skontu wħud mill-kambjali ma jiswewx u huma nulli għaliex ma sarux skont il-forma li trid il-liġi;

43. Kock ma jindikax liema huma dawk il-kambjali li skontu ma jħarsux l-elementi formali tal-liġi u lanqas ma jfisser eżatt liema huma dawk il-formalitajiet li ma ġewx imħarsa. L-unika ħaġa li jgħid huwa li dawn id-difetti jinkludu l-assenza tal-firma ta' min ġibed il-kambjala;

44. Din il-qorti mhijiex beħsiebha toqgħod tistħajjel x'kienu dawk in-nuqqasijiet formali li Kock qed jara f'dawn il-kambjali. Kien jaqa' fuqu d-dmir li jgħid x'kienu

dawn in-nuqqasijiet formali u mhux iħalli lill-qorti tipprova tiskopri hi għalih, x'kienu dawn in-nuqqasijiet. Għalhekk għall-għanijiet ta' din l-aħħar oppożizzjoni, il-qorti ħa tqis biss il-kwistjoni marbuta man-nuqqas ta' firma ta' min ġibed il-kambjala;

45. Skont il-liġi, il-kambjala għandu jkun fiha l-elementi kollha msemmija fl**-artikolu 123 tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta.** Fost dawn l-elementi hemm dak li l-kambjala trid tiġi ffirmata minn min jiġbidha, jiġifieri mit-traent. Mingħajr din il-firma l-kambjala ma tiswiex (ara ***Phoenix Domestic Appliances v. Joseph Vassallo*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-20 ta' April, 2001);

46. Il-firma tat-traent hija meħtieġa għas-siwi tal-kambjala għaliex mingħajrha l-ebda azzjoni ma tista' titmexxa kontra l-aċċettant jew trattarju. Għalkemm ta' min iżid, li m'hemmx bżonn li l-firma ssir malli tinħareġ il-kambjala, tant li ġie aċċettat li din il-firma min-naħa tat-traent tista' ssir saħanistra anke wara li tinfetaħ kawża għall-ħlas tal-kambjali u dan bit-tħaddim tal-prinċipju tal-*ius superveniens* (ara ***John Giordmaina v. Joseph Pace et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Lulju, 2006, ***Anthony Attard et v. Anthony Ellul et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Ġunju, 2007 u ***Mario Sciberras v. Emanuel Zammit et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' April, 2008);

47. B'żieda ma' dan, il-firma fuq il-kambjala trid tkun waħda sħiħa għaliex skont l-**artikolu 125 tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta**, «*il-kambjala ffirmata b'salib jew b'xi sinjal ieħor, ma tiswiex.*» (ara f'dan is-sens is-sentenza ***Arturo Rizzo v. Carmelo Galea*** deċiża mill-Qorti Kummerċjali fil-21 ta' Jannar, 1943);

48. Bħala regola, il-firma tat-traent jew emittent tal-kambjali trid tiġi mqiegħda fil-qiegħ tad-dikjarazzjoni kambjarja. Madankollu ngħad fis-sentenza ***Edward Vinċenti Kind v. Carmelo Abdilla et*** deċiża fil-5 ta' Ottubru, 1954, li l-kambjala ma tiġix invalidata jekk dik il-firma tiġi mqiegħda f'post ieħor fl-istess kambjala, u dan sakemm ma jkunx hemm dubju dwar l-identità tat-traent jew emittent (ara

wkoll ***Annunziato sive Lonzu Mifsud v. Angelo Xuereb nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta’ Ottubru, 2001);

49. Fil-każ tagħna jirriżulta li minn total ta’ 36 kambjala: 27 kambjala ġew iffirmati minn No Deposit Cars Malta Limited flimkien ma’ Wesley Kock bħala traenti konġunti, filwaqt li 9 kambjali ġew iffirmati biss minn No Deposit Cars Malta Limited bħala traent waħdieni;

50. Ma jgħidx tajjeb għalhekk Kock li fuq il-kambjali hemm nieqes il-firma ta’ min ħareġ jew ġibed il-kambjali. Il-fatt li 9 kambjali ma ġewx iffirmati minn Wesley Kock ma jfissirx li dawk il-kambjali huma mingħajr traent. Tassew, f’dawn id-disa’ kambjali, (i) it-traent huwa No Deposit Cars Malta Limited waħidha; (ii) it-trattarju jew aċċettant huwa msemmi bħala Kock; u (iii) il-prenditur, wara l-ġirata jew tidwir tal-kambjali, hija Princess Holdings Limited;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda **tiċħad** ir-rikors ta’ Wesley Kock tad-29 ta’ Novembru, 2021, bl-ispejjeż kollha kontra tiegħu.

---

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

---

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**